**Kulleġġ San Nikola**

**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA**

Frar 2014

| IS-SITT SENA | IL-MALTI (IL-FEHIM MIS-SMIGĦ) | IL-ĦIN: 30 min |
|---|---|---|

## IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA

Merħba!

Matul is-sessjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.
Jekk trid, tista' tibda taħdem l-ezerċizzji fl-iskript li għandek quddiemek waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.
Kull silta, flimkien mal-eżerċizzju, se tinqara darbtejn.
Issa nitolbok tiftaħ l-iskript li għandek quddiemek u ssib paġni 2, 3 u 4.

**----------------Waqfa ta' 10 sekondi --------------------**

Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tal-ewwel silta.

**----------------Waqfa ta' 25 sekonda --------------------**

Issa se tinqara l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

**----------------Waqfa ta' 3 sekondi --------------------**

**Il-Qari tal-Ewwel Silta: Il-Jeans**

Illum se nsiru nafu iktar fuq stil ta' ħwejjeġ li hu parti mill-ħajja tagħna ta' kuljum. Qed nirreferi għall-jeans.

Normalment meta nisimgħu l-kelma *jeans,* ħafna drabi mill-ewwel jiġina f'moħħna l-qalziet tal-jeans. Imma hemm aktar ħwejjeġ magħmulin minn dan il-materjal.

Il-jeans jaf l-oriġini tiegħu fis-snin ħamsin. Oriġinarjament ġie maħluq għall-ħaddiema minħabba li l-materjal tiegħu hu b'saħħtu u jiflaħ aktar minn materjal u drapp ieħor. Peress li l-jeans beda l-aktar jintlibes minn ħaddiema għal waqt ix-xogħol tagħhom, diversi ditti bdew iżidu l-bwiet fejn wieħed seta'

jpoġġi l-għodda. Iżda mbagħad mas-snin, il-jeans sar popolari mat-tfajliet, ġuvintur u saħansitra mat-tfal.

Il-kelma jeans ġejja mill-Franċiż *'bleu de Genes'*, jiġifieri *'l-ikħal ta' Ġenova'.* Il-materjal denim jaf il-bidu tiegħu għal din il-belt, filwaqt li l-kelma *dungaree* ġejja minn isem ta' post fl-Indja. Id-denim hu magħmul minn qoton aħrax.

L-użu tal-*jeans* daħal ukoll f'xi ħabsijiet, meta qalziet tal-jeans bi strixxa bajda tul is-sieq sar parti mill-uniformi tal-ħabsin. Imbagħad m'hemm l-ebda dubju li ħafna jassoċċjaw il-*cowboys* mal-jeans.

Wara li attur famuż James Dean libes il-jeans f'wieħed mill-films tiegħu, dan l-ilbies sar popolari ħafna maż-żgħażagħ fid-dinja kollha.

Apparti l-qliezet illum il-ġurnata nsibu ħafna ħwejjeġ u aċċessorji magħmulin mid-drapp tad-denim. Fost dawn nistgħu nsemmu dbielet, ġkieket, żraben, bwiez u anke basktijiet.

**Tmiem l-ewwel silta**

**----------------Waqfa ta' 3 sekondi --------------------**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**
**Taħriġ A. Agħmel sinjal (✓) fejn it-tweġiba t-tajba.** (5 marki)

**Numru wieħed:**
**Il-jeans oriġina fis-snin**

| | | |
|---|---|---|
| a) | ħamsin. | |
| b) | sittin. | |
| ċ) | tmenin. | |

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Numru tnejn:**

**Fil-bidu il-jeans ġie maħluq**

| | | |
|---|---|---|
| a) | għat-tfal. | |
| b) | għat-tobba. | |
| ċ) | għall-ħaddiema. | |

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Numru tlieta:**

**Fil-bwiet tal-jeans kienu jitpoġġew**

| | | |
|---|---|---|
| a) | għodda. | |
| b) | ġugarelli. | |
| c) | dokumenti. | |

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Numru erbgħa:**

**Il-kelma jeans ġejja mill-**

| | | |
|---|---|---|
| a) | Ingliż. | |
| b) | Franċiż. | |
| c) | Indjan. | |

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Numru ħamsa:**

**Il-jeans tal-ħabsin għandu strixxa**

| | | |
|---|---|---|
| a) | blu. | |
| b) | ħamra. | |
| c) | bajda. | |

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**
**Taħriġ B.**

**Immarka dawn li ġejjin jekk humiex VERU, FALZ jew MA SSEMMIETX.**

(5 marki)

| | | **VERU** | **FALZ** | **MA SSEMMIETX** |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Fil-film James Bond libes il-jeans. | | | |
| 2 | Dan il-materjal jiswa ħafna flus. | | | |
| 3 | Il-kelma '*dungaree*' ġejja minn isem ta' post fl-Afrika. | | | |
| 4 | Għall-bidu l-ħabsin ma ridux jilbsu l-qalziet tal-jeans. | | | |
| 5 | Il-materjal tad-denim huwa b'saħħtu. | | | |

**---------- Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb ----------**

Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.

**Il-Qari tal-Ewwel Silta: Il-Jeans**

Illum se nsiru nafu iktar fuq stil ta' ħwejjeġ li hu parti mill-ħajja tagħna ta' kuljum. Qed nirreferi għall-jeans.

Normalment meta nisimgħu l-kelma *jeans,* ħafna drabi mill-ewwel jiġina f'moħħna l-qalziet tal-jeans. Imma hemm aktar ħwejjeġ magħmulin minn dan il-materjal.

Il-jeans jaf l-oriġini tiegħu fis-snin ħamsin. Oriġinarjament ġie maħluq għall-ħaddiema minħabba li l-materjal tiegħu hu b'saħħtu u jiflaħ aktar minn materjal u drapp ieħor. Peress li l-jeans beda l-aktar jintlibes minn ħaddiema għal waqt ix-xogħol tagħhom, diversi ditti bdew iżidu l-bwiet fejn wieħed seta' jpoġġi l-għodda. Iżda mbagħad mas-snin, il-jeans sar popolari mat-tfajliet, ġuvintur u saħansitra mat-tfal.

Il-kelma jeans ġejja mill-Franċiż *'bleu de Genes',* jiġifieri *'l-ikħal ta' Ġenova'.* Il-materjal denim jaf il-bidu tiegħu għal din il-belt, filwaqt li l-kelma *dungaree* ġejja minn isem ta' post fl-Indja. Id-denim hu magħmul minn qoton aħrax.

L-użu tal-*jeans* daħal ukoll f'xi ħabsijiet, meta qalziet tal-jeans bi strixxa bajda tul is-sieq sar parti mill-uniformi tal-ħabsin. Imbagħad m'hemm l-ebda dubju li ħafna jassoċċjaw il-*cowboys* mal-jeans.

Wara li attur famuż James Dean libes il-jeans f'wieħed mill-films tiegħu, dan l-ilbies sar popolari ħafna maż-żgħażagħ mad-dinja kollha.

Apparti l-qliezet illum il-ġurnata nsibu ħafna ħwejjeġ u aċċessorji magħmulin mid-drapp tad-denim. Fost dawn nistgħu nsemmu dbielet, ġkieket, żraben, bwiez u anke basktijiet.

**Tmiem l-ewwel silta**

**----------------Waqfa ta' 3 sekondi --------------------**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Taħriġ A. Agħmel sinjal (✓) taħt it-tweġiba t-tajba.** (5 marki)

**Numru wieħed:**

**Il-jeans oriġina fis-snin**

| | | |
|---|---|---|
| a) | ħamsin. | |
| b) | sittin. | |
| ċ) | tmenin. | |

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Numru tnejn:**

**Fil-bidu il-jeans ġie maħluq**

| | | |
|---|---|---|
| a) | għat-tfal. | |
| b) | għat-tobba. | |
| ċ) | għall-ħaddiema. | |

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Numru tlieta:**

**Fil-bwiet tal-jeans kienu jitpoġġew**

| | | |
|---|---|---|
| a) | għodda. | |
| b) | ġugarelli. | |
| ċ) | dokumenti. | |

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Numru erbgħa:**

**Il-kelma jeans ġejja mill-**

| | | |
|---|---|---|
| a) | Ingliż. | |
| b) | Franċiż. | |
| ċ) | Indjan. | |

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Numru ħamsa:**

**Il-jeans tal-ħabsin għandu strixxa**

| | | |
|---|---|---|
| a) | blu. | |
| b) | ħamra. | |
| ċ) | bajda. | |

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B.**

**Immarka dawn li ġejjin jekk humiex VERU, FALZ jew MA SSEMMIETX.**

(5 marki)

| | | VERU | FALZ | MA SSEMMIETX |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Fil-film James Bond libes il-jeans. | | | |
| 2 | Dan il-materjal jiswa ħafna flus. | | | |
| 3 | Il-kelma '*dungaree*' ġejja minn isem ta' post fl-Afrika. | | | |
| 4 | Għall-bidu l-ħabsin ma ridux jilbsu l-qalziet tal-jeans. | | | |
| 5 | Il-materjal tad-denim huwa b'saħħtu. | | | |

**---------- Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb -----**

**Issa ngħaddu għat-tieni silta.**

Nitolbok issib paġna 4.

**------------------Waqfa ta' 5 sekondi --------------------**

Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tat-tieni silta.

**-------------- Waqfa ta' 45 sekonda ---------------**

Issa se tinqara t-tieni silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Il-Qari tat-Tieni Silta: Mawra sal-Bandli**

Għodwa waħda l-mama' u l-papa' qamu kmieni iżjed mis-soltu għax riedu jgħaddu jaraw ħabib tagħhom l-isptar qabel jerħulha għax-xogħol. B'hekk libsu f'kemm trodd salib u ħadu l-kolazzjon, iżda Luca u Elise kienu għadhom mitlufin fl-isbaħ raqda u ma kellhomx ħeġġa biex iqumu.

Għall-ħabta tas-sebgħa nstemgħet taħbita ħafifa fuq il-bieb ta' barra li kienet tindika l-wasla tan-nanna Marija, omm il-mama'. Hija dejjem kienet tieħu ħsieb lit-tfal meta l-mama' u l-papa' ma kinux ikunu d-dar. Bħas-soltu telgħet it-taraġ inkiss inkiss u baqgħet dieħla fil-kamra tas-sodda li kienet għadha kemmxejn mudlama billi l-purtieri kienu magħluqin.

Malli ntebħu bil-preżenza tagħha, Luca u Elise malajr tajru n-ngħas u tbissmulha qishom żewġ anġli żgħar. In-nanna għenithom iqumu mis-sodda, ħaslithom u libbsithom pulit għax riedet toħroġhom billi kien bnazzi. Tgħidx kemm kien jixraqlu l-qalziet tal-jeans lil Luca. Anke qmis tal-jeans kellu. Din kienet blu bil-kaxex sofor u kienet tagħtih dehra ta' raġel żgħir avolja kien għad kellu biss ħames snin. Elise, li kienet sentejn akbar minn ħuha, kienet qisha sinjorina żgħira b'dik il-libsa tal-jeans ħamra tgħajjat u bis-sandli pariġġ.

Malli niżlu isfel, in-nanna tathom ftit ikel biex jitrejqu, rikkbithom fil-karozza u ħadithom il-bandli. Fit-triq wissiet lil Elise kemm-il darba biex ma titlaqx lil ħuha minn taħt għajnejha, u żżommlu idu l-ħin kollu li ma jmurx jaqa' u jweġġa'. Iżda malli waslu u niżlu mill-karozza, Luca telaq jiġri kemm jiflaħ u għalxejn bdew jgħajtulu oħtu u n-nanna biex jieqaf għax ma riedx jaf. Huwa aktar kien moħħu li joqgħod idur dawra tond fuq is-siġġijiet li jduru, u kultant kien jagħti xi ħarsa nebbiexa lin-nanna Marija li bdiet tirrabja u tinkwieta għalih mhux ftit.

Sakemm in-nanna ħalliet lil Elise titbandal ftit u tiżżerżaq maż-żurżieqa, hija marret fejn Luca u qaltlu li kienet se tugżah lill-mama' talli kien qagħad imqareb. Luca nfaqa' jibki.

Ix-xemx ma damitx ma bdiet tisħon sew u għalhekk in-nanna u t-tfal ma damux ma reġgħu rikbu fil-karozza u rħewlha lejn tal-ġelati. Tal-gabbana, raġel qsajjar u ftit ruxxan, newwel il-ġelati tal-barmil lit-tfal u granita tal-lumi mdaqqsa lin-nanna li niżlitilha għasel. Fi triqthom lura d-dar Luca marret għajnu bih. Elise tħajret minnu u xħin waslu d-dar kienu fl-isbaħ nagħsa. In-nanna refgħethom u daħħlithom jorqdu. Hi qagħdet taqra ktieb interessanti sakemm qagħdet tistenna lill-ġenituri tat-tfal jirritornaw lura mix-xogħol.

**Tmiem it-tieni silta**

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B u ikteb in-numri fil-kaxxa.** (5 marki)

**Issa se naqralek Kolonna A u wara Kolonna B. Waqt li qed naqra, tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.**

Kolonna A: (l-għalliem jaqra kolonna A)

**Issa se naqralek kolonna B.**

Kolonna B: (l-għalliem jaqra kolonna B)

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-ġenituri kienu sejrin (3 sekondi) | | biex tieħu ħsieb ħuha. |
| 2 | It-tfal libsu (3 sekondi) | | ħadithom jieħdu ġelat. |
| 3 | In-nanna wissiet lil Elise (3 sekondi) | | jaraw ħabib tagħhom l-isptar qabel ix-xogħol. |
| 4 | Wara l-bandli, in-nanna (3 sekondi) | | in-nanna kellha terfagħhom biex iddaħħalhom ġewwa. |
| 5 | Peress li kienu raqdu mat-triq, (3 sekondi) | | lbies tal-jeans. |

**---------Waqfa ta 10 sekondi għal min għadu jikteb------**

**Issa se naqralek Taħriġ B.**
Ħalli 5 sekondi bejn kull frażi.

**Imla l-vojt b'kelma jew bi frażi.** (5 marki)

1. In-nanna dejjem kienet ________________________________.
2. Ftit wara li qamu, it-tfal ħadu ______________________________.
3. Meta n-nanna qalet lil Luca li kienet ser tugżah lil ommu, hu ________________________________________________.
4. Lin-nanna l-granita niżlitilha ______________________________.
5. Sakemm qagħdet tistenna lill-ġenituri, in-nanna ________________________________________________.

**------------ Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb --------**

Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.

**Il-Qari tat-Tieni Silta (għat-tieni darba): Mawra sal-Bandli**

Għodwa waħda l-mama' u l-papa' qamu kmieni iżjed mis-soltu għax riedu jgħaddu jaraw ħabib tagħhom l-isptar qabel jerħulha għax-xogħol. B'hekk libsu f'kemm trodd salib u ħadu l-kolazzjon, iżda Luca u Elise kienu għadhom mitlufin fl-isbaħ raqda u ma kellhomx ħeġġa biex iqumu.

Għall-ħabta tas-sebgħa nstemgħet taħbita ħafifa fuq il-bieb ta' barra li kienet tindika l-wasla tan-nanna Marija, omm il-mama'. Hija dejjem kienet tieħu ħsieb lit-tfal meta l-mama' u l-papa' ma kinux ikunu d-dar. Bħas-soltu telgħet it-taraġ inkiss inkiss u baqgħet dieħla fil-kamra tas-sodda li kienet għadha kemmxejn mudlama billi l-purtieri kienu magħluqin.

Malli ntebħu bil-preżenza tagħha, Luca u Elise malajr tajru n-ngħas u tbissmulha qishom żewġ anġli żgħar. In-nanna għenithom iqumu mis-sodda, ħaslithom u libbsithom pulit għax riedet toħroġhom billi kien bnazzi. Tgħidx kemm kien jixraqlu l-qalziet tal-jeans lil Luca. Anke qmis tal-jeans kellu. Din kienet blu bil-kaxex sofor u kienet tagħtih dehra ta' raġel żgħir avolja kien għad kellu biss ħames snin. Elise, li kienet sentejn akbar minn ħuha, kienet qisha sinjorina żgħira b'dik il-libsa tal-jeans ħamra tgħajjat u bis-sandli pariġġ.

Malli niżlu isfel, in-nanna tathom ftit ikel biex jitrejqu, rikkbithom fil-karozza u ħadithom il-bandli. Fit-triq wissiet lil Elise kemm–il darba biex ma titlaqx lil ħuha minn taħt għajnejha, u żżommlu idu l-ħin kollu li ma jmurx jaqa' u jweġġa'. Iżda malli waslu u niżlu mill-karozza, Luca telaq jiġri kemm jiflaħ u għalxejn bdew jgħajtulu oħtu u n-nanna biex jieqaf għax ma riedx jaf. Huwa aktar kien moħħu li joqgħod idur dawra tond fuq is-siġġijiet li jduru, u kultant

kien jagħti xi ħarsa nebbiexa lin-nanna Marija li bdiet tirrabja u tinkwieta għalih mhux ftit.

Sakemm in-nanna ħalliet lil Elise titbandal ftit u tiżżerżaq maż-żurżieqa, hija marret fejn Luca u qaltlu li kienet se tugżah lill-mama' talli kien qagħad imqareb. Luca nfaqa' jibki.

Ix-xemx ma damitx ma bdiet tisħon sew u għalhekk in-nanna u t-tfal ma damux ma reġgħu rikbu fil-karozza u rħewlha lejn tal-ġelati. Tal-gabbana, raġel qsajjar u ftit ruxxan, newwel il-ġelati tal-barmil lit-tfal u granita tal-lumi mdaqqsa lin-nanna li niżlitilha għasel. Fi triqthom lura d-dar Luca marret għajnu bih. Elise tħajret minnu u xħin waslu d-dar kienu fl-isbaħ nagħsa. In-nanna refgħethom u daħħlithom jorqdu. Hi qagħdet taqra ktieb interessanti sakemm qagħdet tistenna lill-ġenituri tat-tfal jirritornaw lura mix-xogħol.

**Tmiem it-tieni silta**

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**
**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B u ikteb in-numri fil-kaxxa.**

(5 marki)

**Issa se naqralek Kolonna A u wara Kolonna B. Waqt li qed naqra, tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.**

Kolonna A: (l-għalliem jaqra kolonna A)

**Issa se naqralek kolonna B.**

Kolonna B: (l-għalliem jaqra kolonna B)

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-ġenituri kienu sejrin (3 sekondi) | | biex tieħu ħsieb ħuha. |
| 2 | It-tfal libsu (3 sekondi) | | ħadithom jieħdu ġelat. |
| 3 | In-nanna wissiet lil Elise (3 sekondi) | | jaraw ħabib tagħhom l-isptar qabel ix-xogħol. |
| 4 | Wara l-bandli, in-nanna (3 sekondi) | | in-nanna kellha terfagħhom biex iddaħħalhom ġewwa. |
| 5 | Peress li kienu raqdu mat-triq, (3 sekondi) | | lbies tal-jeans. |

**-----------Waqfa ta 10 sekondi għal min għadu jikteb------**

**Issa se naqralek Taħriġ B.**
Ħalli 5 sekondi bejn kull frażi.

**Imla l-vojt b'kelma jew bi frażi.** (5 marki)

1. In-nanna dejjem kienet ______________________________.
2. Ftit wara li qamu, it-tfal ħadu ______________________________.
3. Meta n-nanna qalet lil Luca li kienet ser tugżah lil ommu, hu

   ______________________________________________.
4. Lin-nanna l-granita niżlitilha ______________________________.
5. Sakemm qagħdet tistenna lill-ġenituri, in-nanna

   ______________________________________________.

**------------ Waqfa ta’ 30 sekonda għal min ikun għadu jikteb -------**

Issa għandek żewġ minuti biex tiċċekkja l-eżerċizji kollha.

**--------------- Waqfa ta’ 2 minuti ---------------**

Grazzi. L-eżami tas-smigħ spiċċa.

TMIEM IL-KARTA